MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 7/2007

**Anthony Bugeja u Victor Vonbrockdorff.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta Dwar L-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 19 ta' Ottubru 2007 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

1. Illi permezz tal-applikazzjoni numru PA 3950/06, Anthony Bugeja u Victor Vonbrockdorff applikaw mal-Awtorita` esponenti sabiex huma jkunu jistghu jaghmlu zvilupp.

2. Illi din l-applikazzjoni giet approvata mill-istess Awtorita` li pero` imponiet il-hlas ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) fl-*Urban Improvement Fund (UIF)*.

3. Illi l-applikanti wara li hallsu l-ammont fuq indikat tal-UIF "*under protest*" u nhareg il-permess, interponew appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mill-imposizzjoni ta' tali hlas fil-UIF.

4. Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2007 (PAB 74/07/ISB) l-istess Bord iddecieda billi filwaqt li laqa' l-appell interpost mill-appellanti minkejja illi l-hlas tal-UIF maghmul minnhom, iddecieda wkoll il-mertu tal-istess appell u rrevoka l-kundizzjoni numri wiehed (1) tal-istess permess u ordna li l-Awtorita` tirrifondi l-hlas maghmul mill-appellanti.

Illi l-esponent thoss ruhha aggravata minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghda tinterponi dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi preliminarjament, l-appell in kwistjoni kien thalla u gie differit ghas-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru sabiex tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tal-istess esponenti, u cioe` in-nullita` tal-appell *stante* illi l-appellanti kienu diga` hallsu l-UIF u l-permess kien inhareg. Minkejja dan, il-Bord tal-Appell, iddecieda mhux biss l-eccezzjoni preliminari, izda wkoll iddecieda l-mertu tal-appell tant illi kkonkluda billi irrevoka l-kundizzjoni numru wiehed (1) tal-istess permess, u cioe` l-kundizzjoni li kienet timponi l-hlas tal-UIF, u ordna illi l-Awtorita` tirrifondi l-ammont imhallas mill-appellanti.

Illi fil-mertu, l-istess Bord tal-Appelli kien daqstant iehor zbaljat meta huwa ddecieda illi l-appell interpost mill-appellanti kien ammissibbli minkejja l-fatt illi huma kienu hallsu l-UIF skont kif provdut fil-permess, tant li nhareg l-istess permess.

Illi dan il-punt gie diga` deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-appell fl-ismijiet **Wayne Chetcuti vs l-Awtorita` tal-Ippjanar** - 6 ta' Ottubru 2000, fejn l-istess Onorabbli Qorti ikkonfermat illi:-

*"Il-fatt li l-appellant hallset il-garanzija tfisser li hija accettat li toqghod ghal dik it-talba tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp. Issa l-appellant ma tistax tigi quddiem dan il-Bord, aktar u aktar li issa hareg il-permess, u titlob lil dan il-Bord li jordna li l-garanzija titnehha ghax il-permess ga nhareg. Il-kliem "without prejudice" fl-ittra tal-appellant tas-6 ta' April, 1995 ma jisghux jikkrejaw dritt fejn dan ma jezistix. Infatti, dawn il-kliem jintuzaw sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu imma jekk tali drittijiet ma jezistux, l-uzu taghhom ikun superfluwu. Hekk kien il-kaz ta' appellant li tat il-garanzija meta dritt ta' appell minn ghoti ta' permess ghall-izvilupp ma jezistix fl-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-izvilupp." ...*

*"Jidher car li l-Awtorita` kienet qieghda tinsisti li biex l-izvilupp jigi kkunsidrat favorevolment, l-appellanti kellha tipprovdi numru ta' car parking spaces jew inkella taghzel li tippartecipa fil-Commuted Payment Car Parking Scheme li kellha tigi introdotta eventwalment ukoll ghal Marsascala. Fi kliem iehor, dan kien rekwizit pre-ordinat ghall-konsiderazzjoni ghall-hrug tal-permess tal-izvilupp mitlub. Kien propju ghax l-appellanti ottemperat ruhha ma' dan ir-rekwizit li l-permess tal-izvilupp gie mahrug u kien ghalhekk ukoll illi l-istess permess ma fih l-ebda accenn ghall-garanzija bankarja bhala kundizzjoni ghall-hrug tieghu billi l-appellanti kienet diga` fornit il-garanzija bankarja mitluba u, inoltre, assumiet l-obbligu li tirrinova dik il-garanzija bankarja annwalment...*

*Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar li meta l-appellanti tat dik il-garanzija hija accettat li toqghod ghat-talba tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u ma tistax issa, wara li deliberatament ghazlet triqitha u wara li hareg il-permess, titlob li dik il-garanzija titnehha":.*

Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-appellanti ma jistghux ihallsu l-UIF u jinhareg il-permess, u wara jappellaw minn kundizzjoni tal-hlas, *stante* li tali appell kellu u ghandu jsir meta l-Awtorita` tinnotifika lill-appellanti bil-htiega ta' tali hlas, u cioe` qabel ma jsir il-hlas u jinhareg il-permess relattiv.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li din l-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tal-hamsa (5) ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati odjerni.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 ta' Novembru 2007 a fol. 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Anthony Bugeja & Victor VonBrockdorff vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Anthony Bugeja u Victor von Brockdorff datata 3 ta' Dicembru 2007 a fol. 12 tal-process fejn esponew bir-rispett:-

Illi l-appell huwa irritu u null u dan *stante* illi dan ma sarx fuq aspett legali decizi mill-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

L-ewwel Aggravju

Dwar l-ewwel aggravju, meta gie interpost l-appell ma kien hemm l-ebda risposta. Dan gie ravvizat fis-sentenza stess. Fil-verbal tal-unika seduta li saret quddiem il-Bord tal-Appell Dwar Ippjanar fil-15 ta' Gunju 2007 gie verbalizzat illi:

*"Dr. De Gaetano jiddikjara li f'dan il-kaz kien thallas il-UIF, verament under protest pero` xorta sar l-appell. Il-partijiet trattaw l-appell. Il-Bord jiddeferixxi dan l-appell ghad-decizjoni"*

Illi ghalhekk mhux minnu dak indikat fir-rikors tal-appell illi:

*"l-appell in kwistjoni kien thalla u gie differit ghas-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru sabiex tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tal-istess esponenti, u cioe` n-nullita` tal-appell stante illi l-appellanti kienu diga` hallsu l-UIF u l-permess kien inhareg"*

Fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda eccezzjoni preliminari, fit-tieni lok il-kawza giet differita minghajr data (bhal ma jsir kull meta l-Bord ihalli ghad-decizjoni) u fit-tielet lok l-appell thalla ghas-sentenza fuq l-aspetti kollha u minghajr limitazzjoni.

Illi ghalhekk l-ewwel aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi respint.

<u>Tieni aggravju</u>

Dwar it-tieni aggravju, hawn ukoll ma hemm l-ebda punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord u konsegwentement l-appell f' dan ir-rigward huwa irritu u null u ghandu jigi respint.

Is-sentenza citata mill-appellanti ma applikatx ghall-kaz odjern. Fil-kaz odjern jirrizulta lill-UIF thallset UNDER Protest u l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ACCETTAT dan il-hlas.

Hija facilment setghet tirrifjuta l-hlas hekk kundizzjonat. Bil-fatt li accettat il-hlas b'din ir-riserva ifisser li accettat li l-esponenti kienu qed jikkontestaw dan il-hlas, kif fil-fatt gara billi pprezentaw appell kif inhu xieraq.

Illi ghalhekk, kontrarjament ghas-sentenza citata mill-appellanti, meta l-esponenti hallsu "*under protest*" ma jfissirx li b' hekk huma tilfu d-dritt ta' appell.

Addirittura jinghad illi meta l-MEPA accettat il-hlas minkejja li kienet taf li dan qed jsir *under protest*, hija "deliberatament ghazlet triqitha" u rrikonoxxiet id-dritt tal-esponenti sabiex ikomplu jiggieldu ghad-drittijiet taghhom quddiem il-forum opportun.

Illi *inoltre* jigi rilevat li minghajr pregudizzju ghas-suepost u *in linea* sussidjarja lanqas ma jista' jinghad li bil-hlas imsemmi jfisser li l-esponenti tilfu d-dritt ta' appell.

Fl-appell quddiem il-Bord, fil-mertu setghu jigru zewg affarijiet, jew l-appell jigi milqugh jew jigi michud. Jekk jigi michud ifisser li l-UIF mitlub kien gustifikat. Jekk l-appell jigi michud ifisser li l-kundizzjoni tal-UIF impost mid-DCC ma kinetx gustifikata.

- B'daqshekk l-esponenti ghandhom joqghodu jistennew dak iz-zmien kollu sakemm dan l-aspett, li huwa wiehed purament finanzjarju, jigi determinat?

- Ghaliex l-esponenti ghandhom jistennew ix-xhur, jekk mhux snin, meta ma hemm l-ebda *planning issue* izda meta l-*issue* hija purament wahda ta' flus?

L-esponenti ma ghamlu assolutament xejn hazin meta hallsu *under protest*. Hadd hliefhom ma sofra pregudizzju u dan billi, minflok ma zammew l-flus, qeghduhom fid-disposizzjoni tal-MEPA. Alternattivament, kieku ma hallsux u ma harigx il-permess huma kienu jsofru pregudizzju konsideravoli li ghalih il-MEPA ma kinetx ser tikkompensahom jekk eventwalment jigri, bhal ma gara fil-kaz odjern, li l-ilment dwar l-imposizzjoni tal-UIF jirrizulta gustifikat.

Mhux gust u wisq inqas ekwu li minkejja cittadin ikollu ragun, jigu ipotesi kundizzjonijiet finanzjarji mhux gustifikati *on a take it or leave it bases*, u l-alternattiva li jkollu tkun li jekk jappella, ma johroglux il-permess u joqghod jistenna x-xhur bil-konsegwenza li mill-banda l-wahda jevita milli jhallas il-Lm500 imposti bhala UIF u mill-banda l-ohra jehel eluf ta' liri rizultanti bhala danni minhabba d-dewmien ghax ma jistax jizviluppa.

Bl-argument imressaq mill-MEPA jfisser li c-cittadin, biex jevita danni akbar, jhallas l-UIF anke jekk jaf li mhux suppost li giet imposta fuqu. F'aspetti purament ta' natura finanzjarja u partikolarment fejn ma hemm l-ebda

konsiderazzjonijiet arkitettonici jew teknici wiehed gustament jifhem li bil-hlas tal-UIF *under protest* ic-cittadin ma jkunx qieghed jabbanduna d-drittijiet tieghu li jappella fuq tali kondizzjoni. Meta huwa jhallas *under protest* huwa jkun qed juri bic-car li mhux qed jaccetta din il-kondizzjoni u ghalhekk ikun qed jirriserva d-dritt ta’ appell.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi kollha prodotti u jirriservaw li jipproducu dawk il-provi ulterjuri lilhom permess skont il-ligi, komprizi l-appellanti in subizzjoni, jissottomettu bir-rispett li l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta’ Frar 2008 u dak tal-21 ta’ Mejju 2008 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-appellant u Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-awtorita` appellata. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti kollha tal-appell. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-10 ta’ Dicembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’dan il-kaz l-applikanti kienu ssottomettew applikazzjoni ghall-*“change of use of sixth floor to penthouse plus minor changes”* fis-sit maghruf bhala Bayrock Court, Triq is-Salib, Mellieha.

Illi dan il-permess kien hareg b’dan pero’ li l-Awtorita’ imponiet fuq l-istess applikanti hlas ta’ Lm500 lil Urban Improvement Fund (UIF).

Illi sar appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-imposizzjoni tal-istess hlas fuq l-applikanti u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess ittra ta’ appell datata 11 ta’ Marzu 2007 miktuba mill-Perit Johan Farrugia f’isem l-applikanti, fejn inghad ukoll li tali pagament kien sar *‘without prejudice”.*

Illi jidher li ghal dan l-appell l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma pprezentat l-ebda risposta izda fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007 Dr. Anthony De Gaetano ghall-Awtorita' ivverbalizza quddiem il-Bord li *"f'dan il-kaz, kien thallas UIF, verament under protest pero' xorta sar appell".* Hemm indikat ukoll li l-partijiet trattaw l-appell u li gie prezentat PA3950/06 u l-Bord iddiferixxa dan l-appell ghal decizjoni.

Illi b'decizjoni tal-Bord datata 5 ta' Ottubru 2007, il-Bord sostna fl-ewwel lok li ghalkemm l-Awtorita' ma resqet ebda risposta xorta kellu jikkonsidra l-punt imqajjem mill-Awtorita' waqt il-kors ta' l-appell u cjoe' jekk setax isir appell ladarba l-appellant kien hallas l-UIF *"under protest",* u dan ghaliex jidher li l-istess Awtorita' qed issostni li la darba sar tali hlas, l-applikanti rrinunzjaw ghad-dritt taghhom tal-appell. Dan sar mill-Bord tenut kont tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 774 tal-Kap. 12** u wkoll ghall-kazijiet quddiem il-Bord fl-ismijiet "Domenico Savio Spiteri vs Planning Authority (PAB 339/95KA) u "Veronica Zammit Tabona vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (PAB 74/07ISB).

Illi dwar l-istess eccezzjoni sostna li meta sar il-hlas dan sar *"without prejudice because of the applicants' wish to appeal",* allura l-hsieb tal-*payee* kien car - ossia illi kien qed ihallas minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, anke li jappella. L-istess Bord sostna li jekk tintlaqa' din l-eccezzjoni ikun ifisser li l-appellant qed jigi mcahhad mid-dritt tieghu ta' appell fuq il-mertu dwar il-punt jekk l-Awtorita' kenitx korretta li timponi tali hlas, u l-Bord hass li f'dan il-kaz il-hlas bil-kondizzjoni espressa fl-ittra tas-6 ta' Frar 2006 huwa ma ppregudikax id-dritt tieghu tal-appell, u la darba gie deciz dan, u ma kien hemm ebda risposta mill-Awtorita' dwar il-mertu, laqa' l-aggravju mressaq mill-applikanti dwar l-imposizzjoni tal-istess hlas ta' Lm500, u rrevoka l-kondizzjoni numru 1 fil-permess tal-14 ta' Frar 2007, u b'hekk irrevoka l-hlas tal-istess somma u konformament ma' dan ordna lill-Awtorita' sabiex tirrifondi lill-appellanti l-hlas maghmul minnhom fis-6 ta' Frar 2006, hlas li sar *under protest.*

Illi l-appell odjern mill-Awtorita' sar fuq zewg binarji u cjoe' (1) li d-decizjoni tal-Bord hija nulla u bla effett ghaliex l-appell kien gie differit biss sabiex tigi deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Awtorita' li la darba sar il-hlas tal-istess somma, mela allura l-appell ma setax isir u minflok l-appell iddispona wkoll mill-mertu; (2) dwar il-mertu l-Bord kien zbaljat legalment ghaliex fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet **"Wayne Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 2000) la darba sar il-hlas mill-appellant quddiem il-Bord qabel ma sar l-appell, mela allura dan jipprekludi li l-istess applikant jissottometti appell, u dan anke jekk meta sar l-istess hlas dan sar bla pregudizzju, ghaliex tali kliem ma jistghux jaghtu dritt (ta' appell) fejn dan id-dritt ma jezistix. Fil-fatt fl-appell odjern saret riferenza ampja ghall-istess decizjoni. L-Awtorita' ssostni li la darba sar il-hlas, l-istess dritt ta' appell ma jibqax jezisti.

Illi din il-Qorti thoss li dan huwa appell dwar punt ta' dritt skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** u allura fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li dan huwa ghall-kollox infondat u dan peress li l-istess kaz quddiem il-Bord fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2007 thalla ghad-decizjoni fuq l-appell interpost mill-istess appellanti quddiemu u mhux ghal decizjoni biss fuq xi punt preliminari.

Illi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta fl-istess verbal tal-Bord li d-decizjoni kienet limitata ghal dak li l-Awtorita' qed issejjah bhala eccezzjoni preliminari biss, u dan certament mhux fil-verbal indikat. Jidher fil-fatt li l-kaz thalla ghad-decizjoni fuq l-istess appell interpost, li necessarjament kellu jidhol fl-istess punt imqajjem mill-Awtorita', ghar-ragunijiet sew indikati mill-Bord fid-decizjoni tieghu, u dan anke ghaliex din kienet l-unika eccezzjoni imqajjma mill-Awtorita'. Izda xorta wahda jibqa' l-fatt li l-Bord halla l-kaz ghad-decizjoni dwar l-appell li sar quddiemu, u allura kemm dwar l-istess eccezzjoni, u kif ukoll dwar il-mertu, u la darba giet issorvolata l-istess eccezzjoni (bic-cahda taghha), l-istess Bord ghadda sabiex jiddeciedi l-mertu, li

fin-nuqqas ta' risposta u allura ta' opposizzjoni fuq il-mertu dwar l-istess mill-Awtorita', l-appell tal-appellanti quddiem il-Bord gie milqugh. Dan ifisser li l-istess Bord kien korrett legalment f'dak kollu li ghamel u ta d-decizjoni tieghu fuq il-kaz li kellu quddiemu. B'hekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dan il-kaz huwa fl-ewwel lok differenti minn dak citat mill-Awtorita' appellanti, u dan peress fl-istess kaz fl-ismijiet **"Wayne Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 2000) il-permess kien inghata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp biss *wara* li l-applikanti kienet giet mitluba li taghti garanzija bankarja, u allura l-hlas ta' garanzija kienet kundizzjoni mposta mill-Kummissjoni **qabel** il-hrug tal-permess. La darba l-applikant aderixxa ruhu mal-istess, l-Awtorita' harget il-permess. Jekk wiehed jara l-istess decizjoni huwa car li l-istess decizjoni inghatat ghaliex inghad li l-appell kellu jsir meta l-Kummissjoni tat id-decizjoni taghha fis-17 ta' Marzu 1995 fejn imponiet il-garanzija ndikata qabel il-hrug tal-permess u mhux wara li sar il-hlas tal-istess garanzija fis-6 ta' April 1995 u wara li abbazi tal-istess hareg il-permess fit-12 ta' Mejju 1995. Dan ifisser li l-hlas tal-garanzija kien *"rekwizit pre-ordinat ghall-konsiderazzjoni ghall-hrug tal-permess ta' l-izvilupp mitlub"* u kien ghalhekk li hareg il-permess, b'dan li bl-istess hlas l-appellanti accettat li toqghod ghat-talba tal-Kummissjoni, u ma tistax wara l-hrug tal-istess, titlob li l-garanzija titnehha. Fil-fatt l-istess Qorti qalet li minkejja li l-garanzija thallset bla pregudizzju, dan fil-kaz in ezami ma kien ifisser xejn, ghaliex la darba qabel ma' hareg il-permess, hija accettat il-kondizzjoni mposta fuqha mill-Awtorita', hija tigi li qablet li toqghod ghall-istess kondizzjonijiet sabiex il-permess jinhareg, u allura wara ma tistax tbiddel il-posizzjoni taghha, u dan iktar u iktar minkejja li l-hlas sar b'din ir-riserva, l-istess garanzija bankarja nfisha nghatat *"assolutament minghajr ebda riservi: "We hereby irrevocably and unconditionally undertake to pay ……….".*

Illi din il-Qorti ghalkemm thoss li ma taqbilx ghall-kollox mal-istess decizjoni, tinnota wkoll li l-fattispeci tal-kaz

odjern huma għall-kollox differenti mill-kaz citat, ghaliex f'dan il-kaz kien fil-hrug tal-istess permess li gie impost il-hlas ta' Lm500 mill-applikanti – dan il-hlas sar pero' bla pregudizzju ghad-dritt ta' appell spettanti lill-istess applikanti u dan b'mod mill-iktar car u espress, fis-sens li l-istess applikanti ghamluha cara li minkejja li huma kienu ser ihallsu l-istess ammont indikat bil-permess huma ma riedu bl-ebda mod jirrinunzjaw ghad-dritt ta' appell li kellhom.

Illi dan ifisser li kif sewwa sostna l-istess Bord, l-istess applikanti, qatt ma indikaw li riedu jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' appell quddiem il-Bord, dritt li jidher li huma kellhom a bazi tal-**artikolu 15 tal-Kap. 356,** sabiex jappellaw mill-kondizzjoni tal-hlas lilhom impost fil-permess.

Illi fil-fatt issir riferenza ghas-sentenza **"Kevin Muscat et vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 15 ta' Lulju 2002) fejn jinghad li *"huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li r-rinunzji tad-drittijiet iridu jirrizultaw b'mod car u b'mod univoku. Ghalhekk il-gudikant irid ikun kawt hafna qabel ma jasal ghall-konkluzjoni li xi persuna ddekadiet minn xi dritt taghha".* Skond l-istess konsiderazzjonijiet jidher li f'dak il-kaz l-imposizzjoni ta' garanzija bankarja kienet kondizzjoni fil-permess innifsu u l-Qorti qalet li jidher car li meta inghatat l-istess garanzija, ma rrizultax li b'daqshekk l-istess appellanti kienu b'xi mod qed jirrinunzjaw ghad-dritt ta' appell kontra l-imposizzjoni tal-istess kondizzjoni bhala parti mill-ghoti tal-permess taghhom.

Illi f'dan il-kaz il-kwistjoni hija hafna iktar cara, peress li ma hemmx dubju li l-imposizzjoni tal-istess hlas mertu tal-appell, kien impost fl-istess u mal-permess ta' zvilupp medesimu, u l-hlas li sar wara l-hrug tal-permess sar espressament bla pregudizzju ghad-dritt ta' appell quddiem il-Bord, li l-applikanti manifestament kellhom, dwar kondizzjonijiet (f'dan il-kaz kondizzjoni) li ghaliha gie suggett l-istess permess (fil-kaz odjern l-imposizzjoni tal-hlas). B'hekk jinghad li l-kelma bla pregudizzju mal-hlas,

sostniet u kkonfermat id-dritt ta' appell li l-istess applikanti kellhom skond il-ligi quddiem il-Bord kontra l-imposizzjoni tal-istess kundizzjoni, u allura l-hlas bla pregudizzju, *without prejudice* jew *under protest* serva sabiex isostni d-dritt ezistenti ta' l-appell favur l-appellanti quddiem il-Bord – u hawn ukoll dan il-kaz jikkontrasta ma' dak imsemmi mill-Awtorita' appellanti – peress li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-appellanti quddiem il-Bord kellhom id-dritt ta' appell quddiem il-Bord.

Illi ma' dan din il-Qorti zzid li la darba fil-kaz odjern jidher car li bil-hlas maghmul mill-appellati odjerni huma rriservaw id-dritt taghhom ta' appell, tant li inghad li tali hlas kien qed isir bla pregudizzju ghad-dritt ta' appell taghhom, mela allura jirrizulta car li l-istess appellati odjerni qatt ma kellhom l-intenzjoni li jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' appell, anzi kkonfermaw li kienu ser jezercitaw l-istess dritt. B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa` r-risposta ta' l-appellati Anthony Bugeja et datata 3 ta' Dicembru 2007 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-Awtorita' rikorrenti permezz tar-rikors ta' l-appell taghha datat 19 ta' Ottubru 2007,** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, b'dan ghalhekk li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Bugeja Anthony et vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar "** tal-5 ta' Ottubru 2007 qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------